# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001

**Numru 108**

**Citaz. numru: 1689/99 M1 NA**

**Raymond Spiteri**

**vs**

1. **Andreana Spiteri**
2. **B'digriet tal-10 ta' Awissu 1999 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri Sholdon Spiteri, bin l-istess Andreana Spiteri**
3. **Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-21 ta' Lulju 1999 fejn ippremetta:

"Illi fis-17 ta' Frar 1999, twieldet tarbija bl-isem ta' "Sholdon", liema tarbija inghatat kunjom l-attur;

Illi l-partijiet ma kellhom l-ebda relazzjoni sesswali bejniethom fit-terminu li trid il-ligi stante illi fl-istess terminu, il-partijiet kienu separati *de facto* u kienu jghixu taht saqaf differenti u sussegwentement huma sseparaw legalment bis-sahha ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella tad-9 ta' Gunju 1988;

Illi l-konvenuta, wara t-twelid tat-tarbija, ammettiet li t-tarbija ma kienx bin l-attur, izda ta' certu Philip Attard li mieghu l-konvenuta kellha relazzjoni sesswali kif ammetta l-istess Philip Attard;

Illi ghalhekk l-attur mhux il-missier tat-tarbija "Sholdon";

TALAB li l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza:

1. tiddikjara illi t-tarbija bl-isem ta' "Sholdon" u li twielet fis-17 ta' Frar 1999 minn Andreana Spiteri xebba Brincat,

legalment separata mill-attur Raymond Spiteri, mhux bin l-istess attur Raymond Spiteri ghar-ragunijiet premessi;

2. konsegwentement tordna li dan jigi annotat fic-certifikat tat-twelid numru 767/99 ta' l-istess "Sholdon Spiteri" u b'hekk tordna l-korrezzjoni ta' l-istess certifikat sabiex fejn hemm imnizzel isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier, jitnizzlu minflok il-partikolaritajiet ta' l-attur, il-kliem "mhux maghruf"

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Nives Grixti w il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interess tal-minuri u dana b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-10 ta' Awissu 1999.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tal-15 ta' Frar 2000 fejn eccepixxa illi:

1. "Illi dwar il-mertu ta' l-azzjoni ta' denegata' paternita' ezercitata fil-kawza odjerna, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur kien imissu talab il-kancellament tal-kliem "the said" fil-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm mill-att tat-twelid numru 767/99;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, peress illi l-attur qieghed jaghmel talbiet li jekk jintlaqghu se jkollhom effetti rriversibbli fuq il-hajja tal-minuri in kwistjoni, jinhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti w ammissibbli skond il-ligi;

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid imsemmi mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li allura m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata tal-kuraturi deputati tat-23 ta' Frar 2000 fejn iddikjaraw illi ma kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Andreana Spiteri tal-5 ta' April 2000 fejn eccepiet illi:

1. "Illi t-talbiet ta' l-attur mhumiex kontestati stante ili t-tarbija Sholdon mhuwiex wild l-attur peress li kienet qieghdha tghix ma' persuna ohra u mhux ma' l-attur;

2. Illi l-konvenuta ma ghandha ebda oggezzjoni li jsir it-test tad-demm."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2000 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Monica Borg Galea biex tigbor il-provi.

Hija zammet seduti fit-30 ta' Mejju u 10 ta' Lulju 2000 fejn ma sar xejn utili, invece fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2000 xehed b'mod estensiv l-attur. Wara li kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu jghid li wara li kien separat *de facto* minn ma' martu mar ighix il-Gzira ma' ommu, fil-waqt illi martu baqghet tghix fid-dar matrimonjali f'Birkirkara. Huwa ma kienx imur f'din id-dar pero' kien jaf illi jmur fiha certu Philip Attard. Kien telaq mid-dar matrimonjali fid-9 ta' Gunju 1998 pero' sa minn Marzu tal-1998 is-sitwazzjoni fid-dar matrimonjali kienet "*Hi kienet tohrog ghaliha u jien kont nohrog ghalija, u fil-ghaxija jigifieri kellna spare bedroom ohra, kont norqod fiha u x'hin kienet tidhol hi, kienet torqod fil-kamra tas-sodda proprja.*" Minn Marzu sa Gunju huwa ma kellu ebda relazzjoni ma' martu. Dawn il-punti saljenti huma kkonfermati mill-konvenuta Andreana Spiteri li xehdet fl-istess seduta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja. Mistoqsija l-ghala kienet zgura illi t-tifel kien ta' Philip Attard u mhux ta' l-attur twiegeb: "*Nghidlek zgur ghax it-tifel jixbhu hafna, wicc missieru ghandu, u naf certa ghax mieghu biss kelli relazzjoni*

*sesswali, il-bqija ma kelli ma' hadd."* F'din is-seduta xehed ukoll Philip Attard, l-allegat missier. Minkejja illi f'xi partijiet tax-xhieda dak li jghid huwa ftit konfuz ikkonferma illi anke fid-9 ta' Gunju 1998 kien qed ikollu relazzjonijiet sesswali mal-konvenuta Spiteri ghax anke qabel dak iz-zmien kien qed johrog maghha.

F'din is-seduta l-attur iddikjara illi ma kellux aktar provi xi jressaq. L-istess dikjarazzjoni saret ukoll mid-difensur tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku. Fis-seduta quddiem il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 2000 id-difensur tal-konvenuta Andreana Spiteri ddikjara illi hija kienet qed tammetti ghat-talbiet attrici u ma kellhiex provi xi tressaq. Il-kuraturi deputati ma dehrux kif ma dehrux fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi mressqa, fil-fehma tal-Qorti, l-attur jista' legalment jippromwovi din l-azzjoni sew taht is-sub-inciz (a) sew taht dak (b) ta' l-Artikolu 70 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jipprovdi:

"**70 (1)** *Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg -*

*(a) jekk jipprova illi, fi zmien bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul dak iz-zmien ikun rega' inghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament.*"

Di piu' ma hemmx dubbju wkoll mill-provi illi fiz-zmien indikat fis-sub-inciz (a) l-attrici ghamlet adulterju u minkejja illi ma hemmx it-testijiet xjentifici ghandu japplika wkoll is-sub-inciz (d) ta' l-Artikolu 70 (1). Dan apparti hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li wahedha ma hijiex bizzejjed [Artikolu 70 (2)] mehuda ma' cirkostanzi u provi ohra f'dan il-kaz zgur li ghandha r-rilevanza taghha.

Finalment it-tarbija twieldet fi Frar tal-1999 filwaqt illi c-citazzjoni odjerna giet proposta f'Lulju ta' l-istess sena, entro ghalhekk it-terminu stabbilit fl-Artikolu 73 tal-Kodici Civili.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex tilqa' t-talbiet attrici:

tiddikjara illi t-tarbija bl-isem ta' "Sholdon" u li twielet fis-17 ta' Frar 1999 minn Andreana Spiteri xebba Brincat, legalment separata mill-attur Raymond Spiteri, mhux bin l-istess attur Raymond Spiteri; u

konsegwentement tordna li dan jigi annotat fic-certifikat tat-twelid numru 767/99 ta' l-istess "Sholdon Spiteri" u b'hekk tordna l-korrezzjoni ta' l-istess certifikat sabiex fejn hemm imnizzel isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier, jitnizzlu minflok il-partikolaritajiet ta' l-attur, il-kliem "mhux maghruf", b'dan illi fil-korezzjoniet ghandu jigi rifless ukoll dak indikat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fit-tieni eccezzjoni tieghu.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuta Andreana Spiteri filwaqt illi kopja ta' din is-sentenza ghandha

tintbaghat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur ta' dawn il-Qrati kif rikjest mil-ligi.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.